**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 1033/01JR**

**The Catering Centre Company Limited**

**vs**

**Jonathan Grima**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija tmienja u sittin lira Maltija wiehed u sebghin centezmu (Lm668.71), bhala import ta' zewg kambjali skaduti u bilanc minn kambjala ohra li kopja taghhom qeghdin jigu annessi bhala Dok.A sa Dok.C.**

**Qieghed jintalab ukoll biex ihallas l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali**

**datata 21 ta' Awissu, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru numru 2312/01 kif ukoll l-imghax legali mid-dati ta' l-iskadenza tal-kambjali sal-pagament effettiv b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni kriminali spettanti lill-kumpanija attrici stante li l-konvenut ipprova jhallas permezz ta' cekkijiet li ma gewx onorati.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte prezentata mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Dicembru, 2001, li fiha pero` nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez u l-imghax.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Awissu, 2001, u tal-mandat ta' sekwestru numru 2312/01, kif ukoll l-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**